KONKLUŻJONIJET TAL-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI

ippreżentati fit-28 ta' Frar 2008 [1]

1. Permezz ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju essenzjalment qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk, bis-saħħa tar-riferiment li r-Regolament Nru 615/98 [2] jagħmel għad-Direttiva 91/628/KEE [3], fil-każ ta' trasport ta' annimali fuq bastimenti hekk imsejħa roll on/roll off lejn Stati terzi għandux japplika b'analoġija dak li huwa speċifikament ipprovdut fil-punt 48(7)(b), tal-Anness tal-imsemmija direttiva għat-trasport ta' annimali fi vjaġġi bejn żewġ punti fil-Komunità u kif din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata, b'referenza partikolari għall-ħtieġa jew nuqqas ta' ħtieġa ta' waqfien għal mistrieħ wara erbatax-il siegħa ta' trasport fuq il-baħar. Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi wkoll mitluba tippreċiża jekk, b'applikazzjoni tal-punt 48(7)(a), tal-Anness tad-direttiva, wara t-trasport fuq il-baħar jistax jinbeda trasport ulterjuri fuq l-art ta' 29 siegħa, mingħajr ma jkunu meħtieġa l-ħatt u l-mistrieħ previsti tal-annimali għal mill-inqas 24 siegħa. Fl-aħħar nett, il-qorti nazzjonali tistaqsi dwar il-metodi ta' tfassil tal-pjanta tar-rotta prevista fl-Artikolu 5(A)(2)(d) tad-Direttiva u, partikolarment, jekk għal dan il-għan hijiex biżżejjed nota ttajpjata minn qabel li tindika l-kura li għandha tingħata lill-annimali abbord il-bastiment.

I — Il-kuntest ġuridiku

2. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68, tas-27 ta' Ġunju 1968, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-laħam tal-annimali tal-ifrat [4] [traduzzjoni mhux uffiċjali] kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2634/97 [5] jissuġġetta l-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin għall-osservanza tar-regolamentazzjoni Komunitarja dwar il-benesseri tal-annimali, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 33(9) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-laħam tal-annimali tal-ifrat [6], li mill-1 ta' Jannar 2000

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — Regolament tal-Kummissjoni, tat-18 ta' Marzu 1998, li jistabbilixxi regoli ddettaljati speċifiċi ta' applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fir-rigward tal-benesseri ta' annimali tal-ifrat ħajjin matul it-trasport [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 82, p. 19).

3 — Direttiva tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u li temenda d-Direttivi 91/425/KEE u 90/496/KEE (ĠU L 340, p. 17), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE, tad-29 ta' Ġunju 1995 (ĠU L 148, p. 52). Din id-direttiva ġiet imħassra mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u l-operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU 2005, L 3, 2005, p. 1). Madankollu l-Artikolu 33 ta' dan ir-regolament jipprovdi li dan it-tħassir huwa applikabbli mill-5 ta' Jannar 2007.

4 — ĠU L 148, p. 24.

5 — Regolament tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1997, (ĠU L 356, p. 13).

6 — ĠU L 160, p. 21.

jissostitwixxi r-Regolament Nru 805/68, jirriproduċi kelma b'kelma dak li huwa pprovdut fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 13(9) imsemmi iktar 'il fuq.

3. Ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 805/68 huma ppreċiżati mir-Regolament Nru 615/98.

4. L-Artikolu 1 ta' dan tal-aħħar jippreċiża li l-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' annimali tal-ifrat ħajjin huwa suġġett, b'mod partikolari, għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628 matul it-trasport u sal-ewwel post fejn l-annimali jinħattu fil-pajjiż terz ta' destinazzjoni finali.

5. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 615/98 għandu jsir eżami tal-annimali mal-ħruġ mit-territorju tal-Komunità. L-Artikolu 2(3) jipprovdi li veterinarju uffiċjali, delegat tal-awtorità kompetenti tal-istat li minnu jinħarġu l-annimali, jivverifika u jiċċertifika li: a) l-annimali jkunu fi stat tajjeb, skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 91/628, għall-vjaġġ previst, b) il-mezz ta' trasport li fuqu l-annimali ħajjin se joħorġu mit-territorju Komunitarju jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva msemmija iktar 'il fuq u ċ) ikunu ġew adottati l-miżuri xierqa rikjesti mill-istess direttiva sabiex tiġi ggarantita l-kura tal-annimali matul il-vjaġġ.

6. Id-Direttiva 91/628 tistabbilixxi l-kriterji li l-Istati Membri għandhom isegwu għall-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport.

7. Għandu jiġi mfakkar li, għall-finijiet tad-direttiva, "trasport" tfisser kull trasferiment ta' annimali magħmul b'mezz ta' trasport, li jinkludi t-tagħbija u l-ħatt tal-annimali u bil-frażi "perijodu ta' mistrieħ" perijodu kontinwu, waqt il-vjaġġ, li matulu l-annimali ma jiġux imċaqalqa b'mezz ta' trasport.

8. Skont l-Artikolu 5(A)(2)(d) tad-Direttiva 91/628, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportatur jara li l-oriġinal tal-pjanta tar-rotta, previst fl-Artikolu 5(2)(b), isemmi l-ħin u l-post fejn l-annimali jkunu ngħataw l-ikel u l-ilma matul it-trasport u li l-uffiċjal inkarigat bit-trasport jiżgura li dak li jiġi msemmi ikun fil-fatt sar.

9. Il-Kapitolu VII (punt 48) tal-Anness tad-direttiva msemmija iktar 'il fuq jindika l-ħinijiet ta' waqfien għall-ilma u l-ikel kif ukoll il-perijodi tal-vjaġġ u tal-waqfien għall-mistrieħ li għandhom jiġu osservati matul it-trasport ta' annimali ħajjin. Skont il-punt 48(2), it-tul ta' żmien tal-vjaġġ ma jistax ikun itwal, bħala regola ġenerali, minn tmien sigħat, mingħajr ħsara għall-konformità tal-mezz tat-trasport mal-kundizzjonijiet tal-punt 48(3). Għat-trasport tal-annimali tal-ifrat il-punt 48(4)(d), u (5) tal-kapitolu msemmi jistabbilixxu regola (imsejħa tad-29 siegħa) li tipprovdi li wara erbatax-il siegħa

ta' trasport huma għandhom jibbenefikaw minn ħin ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa, li matulu jingħataw x'jixorbu u, jekk ikun il-każ, x'jieklu, u wara dan ikunu jistgħu jiġu ttrasportati għal erbatax-il siegħa oħra, biex mill-ġdid jinħattu u jingħataw x'jieklu u x'jixorbu, u jibbenefikaw minn perijodu ta' mistrieħ li jkun ta' mill-inqas 24 siegħa [7].

10. Il-punt 48(7) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-direttiva jipprovdi, fir-rigward tat-trasport fuq l-ilma, dan li ġej:

"(a) L-annimali m'għandhomx jiġu trasportati permezz tal-baħar jekk il-ħin tal-vjaġġ massimu jeċċedi dak stabbilit fil-punt 2, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 3 u 4, minbarra l-ħinijiet [tul] tal-vjaġġ u l-perjodu ta' mistrieħ, jintlaħqu.

(b) Fil-każ ta' trasport bil-baħar b'rabta regolari u diretta bejn iż-żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali, dawn ta' l-aħħar iridu jingħataw mistrieħ għal tnax-il siegħa wara li jinħattu fil-port ta' destinazzjoni jew fil-viċinanza immedjata tagħha sakemm il-ħin tal-vjaġġ bil-baħar huwa tali li l-vjaġġ jista' jiġi inkluż fl-iskema ġenerali tal-punti 2 sa 4."

7 — Fir-realtà, ir-"regola tad-29 siegħa" tirrapreżenta interpretazzjoni imreċiża tal-punt 48(4)(d) li jistabbilixxi li, fl-ambitu ta' trasport li t-tul taż-żmien massimu tiegħu għandu jkun 28 siegħa, huwa meħtieġ mistrieħ li t-tul ta' żmien minimu tiegħu jkun tal-inqas siegħa. Għalhekk isegwi li din ir-regola tad-29 siegħa ma tindividwax it-tul ta' żmien massimu tat-trasport, iżda dak minimu tal-vjaġġ.

II — Fatti, domandi għal deċiżjonijiet preliminari u l-proċediment quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11. Fit-23 ta' Ottubru 2002, Schwaninger Martin iddikjara liz-Zollamt Salzburg, Erstattungen (l-Uffiċċju tad-Dwana ta' Salzburg/Rifużjonijiet) l-esportazzjoni lejn l-Albanija ta' 33 annimal tal-ifrat u talab fuq din il-bażi rifużjoni fuq l-esportazzjoni. Mill-ordni tar-rinviju jirriżulta li l-annimali inkwistjoni ġew l-ewwel ittrasportati bit-triq għal erbatax-il siegħa mill-Awstrija għal Trieste (l-Italja), fejn ġew imħatta u ngħataw mistrieħ għal 24 siegħa, biex imbagħad komplew bil-vjaġġ lejn l-Albanija fuq vetturi abbord bastiment tat-tip roll-on/roll-off. It-trasport bil-baħar sa Durres (l-Albanija) dam 41 siegħa u nofs, segwit b'mod immedjat b'erba' sigħat u nofs trasport fuq l-art sa Lushnja (l-Albanija), il-post ta' destinazzjoni finali fejn l-annimali nħattu wara vjaġġ li b'kollox ħa 46 siegħa.

12. L-uffiċċju tad-dwana ta' Salzburg ċaħad it-talba ta' Schwaninger Martin għal rifużjoni fuq l-esportazzjoni peress li dan kien tal-fehma li t-trasport inkwistjoni sar bi ksur tar-regoli Komunitarji fil-qasam tal-protezzjoni tal-annimali, b'mod partikolari r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/628 dwar l-intervalli ta' ħin sabiex l-annimali jingħataw x'jieklu u x'jixorbu matul trasporti bil-baħar. Fil-fatt huwa osserva li fil-pjanta tar-rotta ppreżentat mill-applikant ma ġewx imsemmija l-ħin li għadda bejn il-mumenti li fihom l-annimali ngħataw x'jieklu u x'jixorbu matul it-trasport bil-baħar, u lanqas ma ġiet indikata l-persuna li kellha dan l-inkarigu, ċirkustanzi li minnhom wieħed jikkonkludi

li l-annimali ma ngħatawx x'jieklu u x'jixorbu għal perijodu ta' 46 siegħa. Barra minn hekk huwa qies irrilevanti, f'dan ir-rigward, dikjarazzjoni ġuramentata li ġiet ippreżentata suċċessivament mit-trasportatur u li kienet tindika l-ħinijiet li fihom l-annimali ngħataw x'jieklu u x'jixorbu matul it-trasport abbord il-bastiment.

13. Kontra d-deċiżjoni tal-uffiċċju tad-dwana ta' Salzburg li permezz tagħha l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda, Schwaninger Martin irrikorra quddiem l-Unabhängiger Finanzsenat (senat fiskali indipendenti), li, fuq dubji dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti, iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi għal deċiżjonijiet preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 1 tar-Regolament […] Nru 615/98 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-[…] punt 48(7)(b) tal-Anness tad-Direttiva […] Nru 91/628 għandu jiġi applikat b'analoġija għat-trasport bil-baħar li jgħaqqad b'mod regolari u dirett punt ġeografiku fil-Komunità ma' punt ġeografiku f'pajjiż terz permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali?

(2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tingħata fl-affermattiv, il-[…] punt 48(7)(b) tal-Anness tad-Direttiva […] 91/628 għandu jiġi interpretat fis-sens li fi trasport ta' annimali tal-ifrat, it-tul ta' żmien tal-vjaġġ bil-baħar ma jkunx konformi mar-regola prevista mill-punt 48(4)(d) meta l-annimali ma jingħatawx, wara erbatax-il siegħa ta' vvjaġġar, mistrieħ ta' mill-inqas siegħa?

(3) Fil-każ li għall-ewwel domanda tingħata risposta negattiva, id-dispożizzjoni, applikabbli f'dak il-każ, tal-[…] punt 48(7)(a) tal-Anness tad-Direttiva 91/628, għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-każ ta' trasport bil-baħar, li jgħaqqad b'mod regolari u dirett punt ġeografiku fil-Komunità ma' punt ġeografiku f'pajjiż terz, permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali, it-tul taż-żmien tat-trasport huwa irrilevanti meta l-annimali jingħataw regolarment x'jieklu u x'jixorbu u meta, f'dan il-każ, perijodu ulterjuri ta' trasport bit-triq ta' 29 siegħa jibda b'mod immedjat wara li l-vettura tinħatt fil-port ta' destinazzjoni?

4) Fil-każ li għat-tielet domanda tingħata risposta fl-affermattiv, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-persuna inkarigata bit-trasport għandha tagħmel nota fil-pjanta tar-rotta dwar f'liema ħin l-annimali li jkunu qegħdin jiġu ttrasportati ngħataw x'jieklu u x'jixorbu matul il-fażi marittima tat-trasport u li nota, ittajpjata minn qabel li tgħid "matul it-trasport fuq il-bastiment jingħata xorb u ikel filgħaxija, filgħodu, f'nofsinhar, filgħaxija, filgħodu", mhijiex

konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/628, bil-konsegwenza ġuridika li n-nuqqas ta' noti fir-rigward tal-kura mogħtija jwassal għat-telf tad-dritt għar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni kemm-il darba l-prova meħtieġa ma tkunx tista' titressaq b'mod ieħor?".

14. Fuq il-bażi tal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ġew ippreżentanti osservazzjonjiet bil-miktub minn Schwaninger Martin, mill-Gvern tal-Belġju, mill-Gvern Awstrijak u mill-Kummissjoni. Waqt is-seduta kienu rrapreżentati Schwaninger Martin, il-Gvern Grieg u l-Kummissjoni.

III — Evalwazzjoni ġuridika

A — *Fuq l-ewwel domanda*

15. Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju qed titlob essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża l-portata tar-riferiment li r-Regolament Nru 615/98 jagħmel għad-Direttiva 91/628 u b'mod partikolari jekk, bis-saħħa ta' dan ir-riferiment, fil-każ ta' trasport fuq bastiment b'destinazzjoni ta' stat terz għandux jiġi applikat b'analoġija dak li jipprovdi b'mod espliċitu l-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva, għat-trasporti abbord bastimenti li jgħaqqdu b'mod regolari żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità.

16. Qabel ma ngħaddu għall-evalwazzjoni ta' din il-kwistjoni, naħseb li huwa xieraq li jiġi mfakkar fil-qosor, b'xi preċiżazzjonijiet, il-kuntest leġiżlattiv tagħha.

17. Qabel kollox għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 jissuġġetta l-għoti tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-osservanza, matul it-trasport u sal-ewwel ħatt fil-pajjiż terz tad-destinazzjoni finali, tar-regolamentazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-protezzjoni tal-annimali, b'mod partikolari għar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/628, li fosthom għandhom jiġu msemmija d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VII tal-Anness tal-imsemmija direttiva, li jikkonċernaw it-tul ta' żmien massimu u l-perijodi ta' mistrieħ li għandhom jiġu osservati matul it-trasport.

18. B'mod ġenerali, l-annimali tal-ifrat jistgħu jiġu ttrasportati għal tmien sigħat, bl-eċċezzjoni tal-każ fejn jiġu osservati xi kundizzjonijiet relatati mal-mezz tat-trasport intiżi sabiex jiggarantixxu l-benesseri tal-annimali ttrasportati — il-punt 48(3) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-direttiva — f'dan il-każ, il-vjaġġ jista' jtul sa 29 siegħa, b'waqfa ta' mill-inqas siegħa li matulha l-annimali għandhom jingħataw x'jieklu u x'jixorbu.

19. Fil-każ ta' trasport bil-baħar, l-punt 48(7)(a) tal-Anness tad-direttiva jiffissa tmien sigħat bħala t-tul ta' żmien tal-vjaġġ, sakemm il-mezz tat-trasport ma jissodisfax l-imsemmija rekwiżiti previsti fil-punt 48(3), f'liema każ m'huwiex iktar meħtieġ li jiġu osservati l-kundizzjonijiet li jikkonċernaw it-tul ta' żmien tal-vjaġġ u l-perijodi ta' mistrieħ. Madankollu, kemm-il darba t-trasport bil-baħar intra-Komunitarju jsir permezz ta' bastimenti roll-on/roll-off, il-punt 48(7)(b) jimponi waqfa ta' tnax-il siegħa fil-port ta' destinazzjoni jekk ikunu nqabżu l-limiti tat-tul ta' żmien tal-vjaġġ speċifikati fil-punt 48(2) u (4)(d) (tmien sigħat vjaġġ jew tmienja u għoxrin siegħa trasport).

20. Issa, il-qorti tar-rinviju qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża liema miż-żewġ każijiet inklużi fil-punt 48(7)(a) u fil-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628 japplika għal trasport li, bħal dak fil-każ inkwistjoni, isir permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastiment li jgħaqqad punt fil-Komunità ma' pajjiż terz. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju, filwaqt li osservat li fuq il-bażi tal-formulazzjoni letterali tal-punt 48(7)(b) għandha tiġi eskluża l-applikabbiltà tal-imsemmija dispożizzjoni għal trasporti diversi minn dawk Komunitarji, tqis, madankollu, li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni jista' jiġi estiż bis-saħħa tar-riferiment li r-Regolament Nru 615/98 jagħmel għad-Direttiva 91/628, li jirrikjedi l-osservanza tar-rekwiżiti tal-imsemmija direttiva matul it-trasport tal-annimali sa l-ewwel ħatt fil-pajjiż terz ta' destinazzjoni finali.

21. Fil-fehma tiegħi, interpretazzjoni simili ma tistax tiġi aċċettata għal diversi raġunijiet.

22. Fl-ewwel lok, kif tosserva l-Kummissjoni, minbarra l-formulazzjoni ċara tal-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628 li twassal għall-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu t-trasporti fuq il-bastiment magħmula lejn destinazzjonijiet'il barra mit-territorju Komunitarju, għandu jingħad ukoll li, jekk huwa minnu li l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 jestendi, għall-finijiet tal-konċessjoni ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, l-osservanza tar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/628 fil-fażi tat-trasport ta' annimali "sa l-ewwel post ta' ħatt fil-pajjiż terz ta' destinazzjoni finali", madankollu, l-imsemmi Regolament ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar il-metodi li jipprovdu li r-rekwiżiti tad-direttiva, anki jekk b'mod espliċitu jirreferu għat-trasporti fil-Komunità, għandhom jiġu applikati wkoll fl-ambitu tal-imsemmi Regolament, għat-trasporti magħmula lejn pajjiżi terzi.

23. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, minkejja li l-applikazzjoni analoġika ta' dak li huwa stabbilit fil-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628 għat-trasporti extra-Komunitarji tikkontribwixxi għall-ksib tal-għan speċifiku tal-protezzjoni tal-annimali tar-Regolament Nru 615/98, billi tassigura livell ugwali ta' protezzjoni kemm fit-trasporti Komunitarji kif ukoll f'dawk extra-Komunitarji, madankollu estensjoni bħal din tar-regolamentazzjoni timplika kooperazzjoni mill-pajjiżi terzi li jkollhom jiggarantixxu li fil-porti tagħhom ta' destinazzjoni jkollhom l-infrastrutturi u l-kundizzjonijiet iġeniċi rikjesti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja għall-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali. Dan huwa inkompatibbli mal-osservanza tal-prinċipju tal-ugwaljanza sovrana tal-Istati li hija l-bażi tar-relazzjonijiet internazzjonali.

24. Għalhekk, l-estensjoni analoġika esposta mill-qorti fil-kawża prinċipali tirriżulta eskluża minħabba r-rekwiżit tal-osservanza tal-prinċipji tal-liġi internazzjonali u, b'mod partikolari, mill-impossibbiltà ġuridika li l-applikazzjoni ta' regoli Komunitarji tiġi imposta barra mit-"territorju Komunitarju" [8]. Ma jistax jitqies li l-leġiżlatur Komunitarju, meta pprovda għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628 għall-finijiet tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni permezz tar-riferiment għaliha magħmul mill-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 kellu l-ħsieb li jmur kontra dawn il-prinċipji u kontra din l-impossibbiltà.

25. Għalhekk, għandha tiġi eskluża l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 u tal-punt 48(7)(b) tal-Anness tad-Direttiva 91/628 esposta mill-qorti nazzjonali peress li din tmur kontra dak li ġie indikat fil-punt preċedenti.

26. Barra minn hekk, ma jirriżultax li estensjoni b'analoġija tar-regolamentazzjoni speċifika prevista fil-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628 hija meħtieġa u dan anki fid-dawl tal-fatt li ma hemm ebda lakuna li għandha timtela fir-regolamentazzjoni inkwistjoni fir-rigward tat-trasport fuq bastimenti roll-on/roll-off lejn destinazzjoni ta' pajjiż terz: f'dak il-każ, fil-fatt, huwa applikabbli dak li huwa pprovdut b'mod ġenerali għat-trasport bil-baħar fil-paragrafu (a) tal-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, it-trasport ta' vettura fuq bastiment, għalkemm partikolari, jibqa' kklassifikat bħala trasport bil-baħar, u dan huwa kkonfermat, minbarra mill-fatt li għat-trasport magħmul permezz ta' bastiment l-istess punt 48(7)(b) jitkellem dwar "trasport bil-baħar", fuq kollox mill-fatt li fil-punt 26 tal-Kapitolu I tal-Anness tad-direttiva li qed tiġi eżaminata, il-leġiżlatur fir-regolarizzazzjoni tal-mezzi tat-trasport inkluda dawn it-tipi ta' bastimenti fil-kategorija tal-mezzi tat-trasport *tat-tip fuq l-ilma* [9] [f'partijiet oħra f'dawn il-konklużjonijiet, "trasport bil-baħar"] u fil-punt 48(7)(b) ipprovda preċiżament li għal dan it-tip ta' trasport: "(i) il-kompartimenti tal-annimali għandhom ikunu mwaħħla sewwa mal-vettura; il-vettura u l-kompartimenti tal-annimali għandhom ikunu mgħammra b'faċilitajiet adekwati ta' rbit li jkunu jippermettu li jiġu marbuta sew mal-bastiment. Fuq il-gverta mgħottija ta' bastiment roll-on/roll-off, għandha tinżamm ventilazzjoni suffiċjenti għan-numru ta' vetturi ttrasportati. Fejn possibbli, vettura għat-trasport tal-annimali għandha titqiegħed viċin dħul tal-arja friska; (ii) il-kompartimenti tal-annimali għandu jkollhom numru suffiċjenti ta' ventilaturi jew mezzi oħra biex jiġi assigurat li jkunu ventilati kif xieraq, waqt li jingħata akkont li l-kurrenti tal-arja huma ristretti fl-ispazju magħluq tal-istiva tal-bastiment għall-vetturi. Għandu jkun hemm spazju biżżejjed ġewwa l-kompartiment tal-annimali u f'kull wieħed mil-livelli tiegħu biex ikun assigurat li jkun hemm ventilazzjoni biżżejjed fuq l-annimali meta jkunu bil-wieqfa fil-pożizzjoni naturali; (iii) għandu jiġi pprovdut aċċess dirett għal kull parti tal-kompartiment tal-annimali sabiex l-annimali jkunu jistgħu, fejn meħtieġ, jiġu kkurati, mitmugħa u mogħtija l-ilma matul il-vjaġġ" (kundizzjonijiet li l-ordni ta' rinviju jagħti l-impressjoni li, fil-każ inkwistjoni, setgħu ġew osservati peress li fil-paġna 15 tat-test oriġinali tiegħu, huwa jipprovdi li

8 — Ara, dwar il-prinċipju tat-territorjalità, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, kawżi magħquda 89/85, 104/85, 114/85, 116/85, 117/85 u 125 sa 129/85, Ahlström Osakeyhtiö vs Il-Kummissjoni (Ġabra p. 5193, punt 18). Ara wkoll is-sentenza tal-24 ta' Novembru 1992, Kawża C-286/90, Poulsen u Diva Navigation Corp. (Ġabra p. I-6019).

9 — Ara wkoll, f'dan is-sens, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni AGRI H4/MR D (2003) 18791, tat-22 ta' Lulju 2003.

l-vettura li fiha l-annimali kienu mgħobbija kienet tissodisfa l-"kundizzjonijiet supplementari" indikati fil-punt 48(3) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628).

27. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' lakuna fir-regolamentazzjoni tikkorrobora s-soluzzjoni li qiegħed nissottometti, peress li l-eżistenza nfisha ta' regolamentazzjoni applikabbli għal każijiet bħall-każ li qegħdin nikkunsidraw tiggarantixxi l-ksib tal-għan ta' protezzjoni tal-annimali ttrasportati u għaldaqstant tevita, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Belġjan, li jiġi kompromess l-effett utli tar-riferiment għall-osservanza tar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/628 magħmula mill-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 [10].

28. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet esposti sa dan il-punt, qed nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex twieġeb għall-ewwel domanda mressqa mill-qorti tar-rinviju fissens li għat-trasporti ta' annimali abbord bastimenti roll-on/roll-off b'destinazzjoni ta' pajjiżi terzi, ma jistax jiġi applikat b'analoġija dak li huwa pprovdut speċifikament fil-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628 fil-kuntest biss tat-trasporti li jgħaqqdu b'mod regolari żewġ postijiet Komunitarji.

10 — Dwar il-ħtieġa ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet Komunitarji b'tali mod li jiġi mħares l-effett utli, ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-24 ta' Frar 2000 fil-Kawża Nru C-434/97, Il-Kummissjoni vs Franza (Ġabra p. I-1129, punt 21), u s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2001 fil-Kawża Nru C-403/99, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Ġabra p. I-6883, punt 28).

B — *Fuq it-tieni domanda*

29. Fuq il-bażi tat-tweġiba għall-ewwel domanda, hawn fuq esposta, m'hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li permezz tagħha l-qorti nazzjonali titlob li jiġu speċifikati l-metodi ta' applikazzjoni tal-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-direttiva għal trasport bil-baħar fuq bastiment roll-on/roll-off b'destinazzjoni extra-Komunitarja.

30. Madankollu, ser ngħaddi biex neżamina din il-kwistjoni minħabba l-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-imsemmi punt 48(7)(b) għandu jkun applikabbli għat-trasporti bil-baħar extra-Komunitarji magħmula permezz ta' bastimenti.

31. B'mod partikolari, il-qorti nazzjonali titlob li jiġi ppreċiżat jekk b'applikazzjoni tal-punt 48(7)(b), u tal-punt 48(4)(d), li għalihom hija tirreferi, fi traġitt ta' disgħa u għoxrin siegħa permezz ta' bastiment roll-on/roll-off għandhiex tiġi osservata waqfa ta' siegħa wara l-ewwel erbatax-il siegħa tal-vjaġġ.

32. Fil-fehma tiegħi, għandha tingħata risposta fin-negattiv għal din id-domanda.

33. Fil-fatt, minbarra d-diffikultajiet prattiċi li bastiment jista' jiltaqa' magħhom meta jkollu jidħol f'port, jew f'post viċin tal-istess port, sabiex l-annimali jkunu jistgħu jgawdu minn perijodu ta' mistrieħ, fl-interpretazzjoni tar-regolamentazzjoni inkwistjoni għandhom jitqiesu l-għanijiet li din tistabbilixxi u, b'mod partikolari, tal-funzjoni fundamentali tal-perijodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa previst fil-punt 48(4) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-direttiva, li għalih jirreferi l-punt 48(7) tal-istess kapitolu u tan-nuqqas konsegwenti ta' ħtieġa effettiva ta' dan it-tip ta' mistrieħ fil-kuntest ta' trasport bil-baħar fuq bastiment.

C — *Fuq it-tielet domanda*

34. Fil-fatt, għandu jiġi mfakkar li l-għan tal-waqfa ta' mill-inqas siegħa inkwistjoni huwa sabiex it-trasportatur ikun jista' jagħti l-kura meħtieġa lill-annimali, f'termini ta' iġjene, nutrizzjoni u xorb. Issa, jekk jidher evidenti li sabiex isiru operazzjonijiet simili fil-każ ta' trasport bl-art ikun meħtieġ li l-vettura titwaqqaf, dan mhuwiex applikabbli għat-trasport fuq bastiment fejn, kif indikat fil-punt 26 iktar 'il fuq, l-annimali jkunu jistgħu u għandhom jingħataw x'jieklu u x'jixorbu, anki matul il-fażi tat-trasport. Barra minn hekk, fit-trasport fuq bastiment, wieħed jista' jimmaġina li, għalkemm ikunu f'vettura, l-annimali ma jbatux minn skossi u ċaqliq relattivi għat-trasport bl-art u għalhekk jivvjaġġaw, anki f'dan il-kuntest, f'kundizzjonijiet aħjar, b'tali mod li jsir superfluwu l-perijodu ta' mistrieħ ta' siegħa li huwa inkwistjoni.

35. Fil-każ li s-soluzzjoni mogħtija hawn fuq għall-ewwel domanda ma tintlaqax mill-Qorti tal-Ġustizzja, qed nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li t-tieni domanda għandha tkun li, għall-annimali li jkunu ttrasportati f'vettura abbord bastiment li jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-punt 26(b) tal-Kapitolu I tal-Anness tad-Direttiva 91/628, ma jkunx applikabbli l-perijodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa wara erbatax-il siegħa ta' vvjaġġar.

36. Il-klassifikazzjoni magħmula hawn fuq, fil-punt 26, tat-trasport inkwistjoni bħala trasport bil-baħar tfisser li, minkejja li mhuwiex speċifikament previst għal dan it-tip ta' trasport, huwa applikabbli dak li l-Anness tad-Direttiva 91/628 jistabbilixxi b'mod ġenerali fir-rigward tat-trasport bil-baħar.

37. Għaldaqstant, qabel kollox, għandu jiġi ċċarat jekk, fil-każ inkwistjoni, kellux jiġi applikat il-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tas-Direttiva 91/628 li jipprovdi li "[f]il-każ ta' trasport bil-baħar b'rabta regolari u diretta bejn iż-żewġ punti ġeografiċi tal-Komunità permezz ta' vetturi mgħobbija fuq bastimenti mingħajr ma jinħattu l-annimali, dawn ta' l-aħħar iridu jingħataw mistrieħ għal 12-il siegħa wara li jinħattu fil-port ta' destinazzjoni jew fil-viċinanza immedjata tagħha sakemm il-ħin tal-vjaġġ bil-baħar huwa tali li l-vjaġġ jista' jiġi inkluż fl-iskema ġenerali tal-punti 2, 3 u 4".

38. Mill-atti tal-kawża bl-ebda mod ma jirriżulta li l-perijodu tal-vjaġġ bil-baħar ma ddaħħalx fil-pjanta tar-rotta li, fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628, il-persuna inkarigata mit-trasport għandha tħalli li "[tiġi] iċċertifikata, wara spezzjoni, mill-awtorità kompetenti tal-post tal-mogħdija jew tal-post tal-ħruġ assenjat minn Stat Membru […] wara li l-annimali ġew spezzjonati u ġġudikati mill-veterinarju uffiċjali li huma kapaċi jkomplu l-vjaġġ tagħhom".

39. Għalhekk jista' jitqies b'mod raġonevoli li, fil-każ inkwistjoni m'huwiex applikabbli l-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628 iżda biss il-punt 48(7)(a) tiegħu li jipprovdi li "[l]-annimali m'għandhomx jiġu trasportati permezz tal-baħar jekk il-ħin tal-vjaġġ massimu jeċċedi" tmien sigħat "sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 3 u 4, minbarra l-ħinijiet [tul] tal-vjaġġ u l-perjodu ta' mistrieħ jintlaħqu.".

40. Fil-każ ta' trasport b'bastiment bejn il-port ta' Stat Membru u dak ta' stat terz, l-applikazzjoni tal-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII, almenu skont l-interpretazzjoni letterali tagħha u skont dak li ġie ppreċiżat fil-punt preċedenti 26, tinvolvi neċessarjament l-esklużjoni tal-perijodu ta' mistrieħ ta' tnax il-siegħa wara li l-annimali ttrasportati fuq bastiment jaslu fil-port ta' destinazzjoni u l-possibbiltà li jibda b'mod immedjat perijodu ta' trasport ulterjuri fuq l-art ta' 28 siegħa [11] jekk jirriżultaw tliet ċirkustanzi: qabel kollox, dik li t-trasport bil-baħar magħmul permezz ta' bastiment ikun jifforma parti mill-pjan ġenerali tal-vjaġġ li jkun jinsab fil-pjanta tar-rotta, imbagħad dik, li tidher sodisfatta fil-każ inkwistjoni mill-konstatazzjoni li tinsab fil-paġna 15 tat-test oriġinali tad-digriet tar-rinviju, li l-bastiment jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 u, fl-aħħar nett, dik li jkunu ttieħdu l-miżuri previsti b'mod espliċitu fil-punti 26(b)(i), (ii) u (iii) tal-Kapitolu I tal-Anness tad-Direttiva 91/628, indikati hawn fuq fil-punt 26 (din tal-aħħar ma tistax tiġi eskluża, kif indikat, ladarba l-bastiment jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi Artikolu 3).

41. L-esklużjoni konkreta tal-ħtieġa tal-imsemmi perijodu ta' mistrieħ hija possibbli fuq il-bażi ta' dan l-approċċ ta' interpretazzjoni, fejn ikun possibbli li jiġu stabbiliti, apparti dak li huwa diġà kkonstatat fl-ordni tar-rinviju, it-tnejn l-oħra indikati fil-punt preċedenti.

42. Madankollu l-ordni tar-rinviju jesprimi perplessità fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi segwit dan l-approċċ ta' interpretazzjoni fil-każ inkwistjoni, minkejja li dan jinvolvi trasport ta' annimali lejn pajjiż terz u traġitt

11 — Għall-kuntrarju, fil-każ fejn it-trasport permezz ta' bastiment jgħaqqad żewġ portijiet ta' żewġ Stati Membri, m'huwiex possibbli teskludi a priori l-perijodu ta' mistrieħ ta' tnax-il siegħa peress li anki jekk dan il-perijodu ta' mistrieħ jeħtieġ kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-port ta' destinazzjoni, din il-kooperazzjoni, li mhijiex obbligu ta' awtorità ta' pajjiż terz, hija obbligu ta' dik tal-Istati Membri. Huwa għalhekk li, meta t-trasport bil-baħar b'bastiment jaqbeż it-tul ta' żmien previst fil-punt 48(7)(b), meta l-ifrat jaslu fil-port ta' Stat Membru, dawn għandhom jibbenefikaw minn dan il-perijodu ta' mistrieħ. Diversament, meta l-perijodu ta' trasport ma jaqbiżx dak it-tul ta' żmien, bħala regola ġenerali, l-ifrat m'għandhomx jibbenefikaw minnu u t-trasport jista' jissokta b'mod immedjat.

permezz ta' bastiment li jieħu 41 siegħa li jkompli bi vjaġġ fuq l-art ta' madwar ħames sigħat, li jwassal għal 46 siegħa bħala tul taż-żmien tal-vjaġġ intier.

43. Skont il-qorti tar-rinviju, il-perplessità toħroġ mill-fatt li s-soluzzjoni li tista' tirriżulta minn qari letterali tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tkun tfisser li trasport ta' annimali permezz ta' bastiment bejn port fil-Komunità u port ta' pajjiż terz ma jkollu ebda limitu marbut mat-tul ta' żmien anki jekk dan idum iktar minn 46 siegħa u jieħu ġranet: dan ir-riżultat mhuwiex konformi mal-għan tal-protezzjoni tal-annimali tar-regolamentazzjoni inkwistjoni.

44. Din il-perplessità teleoloġika għandha tittieħed inkunsiderazzjoni. Biex dan isir għandha tingħata attenzjoni: a) għall-kontestazzjoni li l-qorti tar-rinviju tagħmel fil-konfront tal-argument li ġie sostnut mill-Finanzgericht Hamburg f'sentenza tat-2 ta' Frar 2006 li segwit dan l-approċċ, u b) għall-idea indikata li fil-każ ta' trasport bejn punt ġeografiku fil-Komunità u punt ġeografiku f'pajjiż terz trasport bħal dak inkwistjoni jista' fit-teorija jevita li jkun suġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ta' tul ta' żmien.

45. Rigward l-argument ikkontestat mill-qorti tar-rinviju, "il-fażi ta' trasport tal-annimali fuq bastiment [huwa] mingħajr ebda dubju magħdud mal-perijodu ta' mistrieħ" [12]. Dan l-argument, skont il-qorti tar-rinviju, mhuwiex sostenibbli peress li l-Artikolu 2(2)(h) tad-Direttiva 91/628 jiddefinixxi bħala "perijodu ta' mistrieħ" "perijodu kontinwu matul il-vjaġġ li matulu l-annimali mhumiex qegħdin jiġu mċaqalqa permezz ta' mezz ta' trasport".

46. Din l-oġġezzjoni ma jistax ikollha valur deċiżiv peress li jekk il-Finanzgericht Hamburg ikkwalifika bħala "perijodu ta' mistrieħ" il-perijodu ta' trasport ta' annimali fuq vetturi mgħobbija fuq bastiment, jista' jitqies li hekk ukoll għandu jiġi kkwalifikat dak li jirrigwarda t-trasport ta' annimali mgħobbija direttament fuq bastimenti mgħammra kif meħtieġ għat-trasport tagħhom (dan il-perijodu ċertament m'għandux ikun magħdud fit-tul ta' żmien ta' trasport li jsir l-ewwel fuq il-baħar u mbagħad fuq l-art). Għalhekk għandu jingħad li, jekk użat l-espressjoni inkwistjoni, biha kellha l-intenzjoni li tafferma li l-perijodu tal-ewwel tip ta' trasport, bħalma kienet għamlet fir-rigward tat-tieni tip ta' trasport li jiġi kkwalifikat bl-istess mod, għandu jiġi kkunsidrat, fir-rigward tal-importanza tiegħu, bħala *ekwiparabbli* għal perijodu ta' mistrieħ. Huwa dan li għamlet il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja meta affermat li t-trasport ta' vetturi abbord bastimenti la jista' jiġi kkunsidrat bħala trasport u lanqas ma jista' jiġi kkunsidrat bħala perijodu ta' mistrieħ fis-sens tad-definizzjonijiet tad-Direttiva 91/628.

12 — B'dan l-atteġġament — jippreċiża d-digriet tar-rinviju — il-Finanzgericht Hamburg ħadet pożizzjoni kontra l-Verwaltungsgerichtshof ta' Vjenna li b'sentenza tat-30 ta' Ġunju 2005 affermat li eċċezzjoni għar-regola tal-ħin ta' mistrieħ ta' tnax-il siegħa tista' ssir biss jekk it-trasport fuq bastiment ma jdumx iktar minn erbatax-il siegħa.

47. Fir-rigward tal-argument li fil-każ ta' trasport bejn punt ġeografiku fil-Komunità u punt ġeografiku f'pajjiż terz, trasport bħal dak inkwistjoni, jista' fit-teorija jevita li jkun suġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ta' tul ta' żmien, dan jista' jiġi kkontestat l-ewwel nett mill-fatt li l-istess qorti tar-rinviju, b'mod kontradittorju, tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża jekk, fil-każ ta' irrilevanza tal-perijodu ta' trasport fuq vetturi mgħobbija fuq bastimenti, wara li jinħattu f'port ta' pajjiż terz, għandux jibda b'mod immedjat perijodu ulterjuri ta' trasport fuq l-art ta' 29 siegħa (li ovvjament juri ammissjoni tal-eżistenza ta' restrizzjoni għat-tul ta' żmien tat-trasport anki meta dan isir fuq l-art f'pajjiż terz).

48. Iżda ma' din ir-raġuni ta' kontestazzjoni, fir-rigward tal-argument inkwistjoni jeżisti element ieħor li huwa iktar deċiżiv: anki jekk id-direttiva ma tipprovdi xejn fir-rigward tat-trasport li jsir fuq l-art fit-territorju ta' pajjiż terz, l-ispirtu ġenerali tas-sistema iwassal għall-konklużjoni li t-tul ta' żmien minimu ta' 29 siegħa tal-vjaġġ għandu jkun applikabbli wkoll fir-rigward ta' dan it-trasport. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-għan ġenerali tar-regolamentazzjoni inkwistjoni li jikkonsisti fl-iżgurar tal-benesseri tal-annimali jiġi mittiefes.

49. In-newtralizzazzjoni tal-perijodu ta' trasport ta' annimali f'vetturi abbord bastiment meta jirriżultaw il-kundizzjonijiet hawn fuq indikati fil-punti 39-41 iktar 'il fuq għandha l-konsegwenza li ma hemmx riskju li, billi b'mod immedjat jibda t-trasport bittriq ta' dawn l-annimali, dan it-trasport itul b'mod mhux interrott għal diversi jiem, peress li dan it-trasport ulterjuri jista' jsir biss, mingħajr ebda kundizzjoni, għal erbatax il-siegħa, filwaqt li wara dan il-perijodu ta' żmien huwa impost mistrieħ ta' mill-inqas siegħa.

50. Dak li ġie indikat fl-aħħar tal-paragrafu preċedenti u dak indikat iktar 'il fuq fil-punti 23 u 24 iktar 'il fuq fir-rigward tad-diffikultà fl-interpretazzjoni tal-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628, li tobbliga lit-trasportatur ta' annimali f'vettura abbord bastiment sabiex iħott dawn l-annimali għal waqfa ta' mistrieħ ta' tnax-il siegħa fil-port ta' destinazzjoni ta' pajjiż terz, peress li dan ikun jimplika kooperazzjoni mill-awtorità ta' dan il-pajjiż u, finnuqqas ta' din il-kooperazzjoni, din l-interpretazzjoni tiġi f'kunflitt mal-impossibbiltà li l-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji tiġi imposta barra mit-"territorju Komunitarju".

51. Fil-fatt, il-mistrieħ ta' minimu ta' siegħa previst fil-punt 48(4)(d) ma jeżiġi ebda kooperazzjoni mill-awtorità ta' pajjiż terz bħal dan peress li, kif indikat fil-punt 46 iktar 'il fuq, l-Artikolu 2(2)(h) tad-Direttiva 91/628 jiddefenixxi perijodu ta' mistrieħ bħala "perijodu kontinwu matul il-vjaġġ li matulu l-annimali mhumiex qegħdin jiġu mċaqalqa permezz ta' mezz ta' trasport". Dan ifisser li l-konċessjoni ta' perijodu ta' mistrieħ għall-annimali ma timplikax li dawn jinħattu.

52. Għalhekk nipproponi li t-tweġiba tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tielet domanda

għandha tkun li, fil-każ ta' trasport bil-baħar li jgħaqqad b'mod regolari u dirett punt ġeografiku fil-Komunità ma' punt ġeografiku f'pajjiż terz permezz ta' vettura abbord bastiment mingħajr il-ħatt tal-annimali, il-perijodu ta' dan it-trasport għandu jkun ikkunsidrat bħala irrilevanti sakemm l-annimali jkunu ngħataw regolarment x'jieklu u x'jixorbu, bil-konsegwenza li ladarba din il-kundizzjoni tkun sodisfatta, perijodu ġdid ta' trasport bl-art ta' 28 siegħa jista' jibda b'mod immedjat wara li l-vettura titniżżel fil-port ta' destinazzjoni.

54. Jirriżulta evidenti mill-ordni loġiku taż-żewġ talbiet tal-qorti tar-rinviju li għal din id-domanda hija fundamentali l-kwistjoni tal-iżgurar tal-konformità mad-direttiva — u, mhux biss, mad-dispożizzjoni speċifika prevista fl-ewwel domanda tagħha — tal-imġiba intiera tat-trasportatur; imġiba intiera li ma tikkonsistix biss mill-iskeda li tkun tinsab fin-nota ttajpjata minn qabel fil-pjanta tar-rotta, iżda wkoll: a) mill-firma li ssir wara mit-trasportatur li biha jsostni, fit-tmiem tat-trasport, li jkun fil-fatt ipprovda lill-annimali, f'kull ħin previst u bil-mod rikjest, il-kuri msemmija fil-pjan tal-vjaġġ, u b) minn dikjarazzjoni ġuramentata fl-istess sens li, fil-paġna 3 tal-ordni tar-rinviju, huwa indikat li saret mill-persuna responsabbli għat-trasport u li ġiet ikkunsidrata irrilevanti miz-Zollamt Salzburg, Erstattungen.

E — *Fuq ir-raba' domanda*

53. Bir-raba' domanda l-qorti tar-rinviju, minn naħa, qed tistaqsi jekk "l-ewwel inċiż tal-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628 għandu[x] jiġi interpretat fis-sens li l-persuna inkarigata bit-trasport għandha tagħmel nota fil-pjanta tar-rotta dwar f'liema ħin l-annimali ngħataw x'jieklu u x'jixorbu matul il-vjaġġ" u min-naħa l-oħra, jekk "in-nota ttajpjata minn qabel" li tipprovdi li matul it-trasport fuq il-bastiment "jingħata xorb u ikel filgħaxija, filgħodu, f'nofsinhar, filgħaxija, filgħodu [lill-annimali]" tmurx kontra r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/628, bil-konsegwenza ġuridika "li n-noti nieqsa fir-rigward tal-kura mogħtija jwasslu għat-telf tad-dritt għar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni kemm-il darba l-prova meħtieġa ma titressaqx b'mod ieħor".

55. Sabiex tingħata risposta xierqa għal din id-domanda, fil-parametri indikati fil-punt preċedenti, huwa meħtieġ li ssir interpretazzjoni tal-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628 fid-dawl tat-tieni punt tal-istess Artikolu 5(2)(d)(ii) u tal-punt (f) tal-istess Artikolu 5(2)(d)(ii) ta' din id-Direttiva.

56. L-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628 jistabbilixxi li t-trasportatur għandu jiżgura li l-persuna inkarigata mit-trasport "jiddikjara fil-pjanta tar-rotta l-ħinijiet u postijiet li fihom l-annimali trasportati *ngħataw* l-ikel u l-ilma matul il-vjaġġ";

l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5(2)(d), min-naħa tiegħu, jipprovdi li l-oriġinal tal-pjanta tar-rotta "hija *mfassla* kif suppost u *mimlija* mill-persuni approprjati fiż-żmien xieraq" [13].

57. Il-parti rikorrenti fil-kawża prinċipali, fl-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tat importanza lid-distinzjoni li d-dispożizzjoni inkwistjoni tagħmel bejn "mfassla" u "mimlija" u l-fatt li l-istess dispożizzjoni tipprevedi li dawn iż-żewġ formalitajiet, u għalhekk kull waħda minnhom ukoll, għandhom isuru fiż-"żmien xieraq".

58. B'referenza għal dak li diġà jinsab dikjarat fil-punt 5.2 tal-ordni tar-rinviju, jiġifieri li, fit-tmiem tat-trasport, bil-firma tiegħu fuq il-pjan tal-vjaġġ, it-trasportatur kien ikkonferma li effettivament kien għamel l-attivitajiet ta' kura tal-annimali f'kull ħin ipprogrammat minn qabel, il-parti rikorrenti fil-kawża prinċipali tallega li minn dak jista' jiġi dedott li filwaqt li l-indikazzjoni ttajpjata minn qabel tal-pjan tal-vjaġġ bil-ħinijiet li fihom l-annimali kellhom jingħataw x'jieklu u x'jixorbu tikkorrispondi għat-tfassil rikjest, il-firma li ssir wara tikkorrispondi għat-tlestija tal-mili rikjest. Evidentement, b'dan qed jiġi mfisser li t-tlestija tal-mili permezz tal-firma jissodisfa r-rekwiżit previst fir-regolamentazzjoni inkwistjoni permezz tar-rabta li l-istess firma għandha mal-programm ittajpjat minn qabel. Dan huwa għaliex: a) il-preċiżazzjoni li l-operazzjonijiet inkwistjoni kellhom isiru "filgħaxija, filgħodu, f'nofsinhar, filgħaxija, filgħodu", bir-ripetizzjoni tal-espressjonijiet "filgħaxija, filgħodu" li hija tinkludi, setgħet b'mod leġittimu kienet intiża bħala indikazzjoni mhux ġenerika, iżda li tirreferi għad-diversi ħinijiet li jistgħu jiġu individwati fil-vjaġġ konkret li kellu jsir li, kif jirriżulta mill-atti, kien ta' 41 siegħa u nofs u għalhekk ħa eżattament iktar minn "filgħaxija, filgħodu, f'nofsinhar", peress li ħa wkoll "filgħaxija" u "filgħodu", u b) il-karatteristika ta' puntwalità tal-programm li toħroġ mill-pjan tal-vjaġġ setgħet tirrendi l-preċiżazzjoni ta' kull stadju tiegħu mhux meħtieġa u setgħet tirrendi "xieraq" il-waqt tat-tmiem tal-vjaġġ bħala l-waqt tat-tlestija tal-mili bl-inklużjoni tal-firma finali ta' attestazzjoni fil-pjanta tar-rotta. Evidentement huwa minħabba s-sostenn tal-argument indikat fiż-żewġ punti preċedenti li l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jinvokawx is-saħħa probatorja li jista' jkollha d-dikjarazzjoni ġuramentata, li l-punt 3 tal-ordni tar-rinviju jindika li ġiet inutilment imressqa, *ex post*, quddiem iz-Zollamt Salzburg, Erstattungen.

59. Ċertament il-mod li bih jista' jitqies li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali tallega li hija konformi ma' dak li jistabbilixxi l-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628 ma jikkorrispondix b'mod preċiż għar-rekwiżit li jinsab fis-subparagrafu (ii) li jipprovdi li t-trasportatur għandu jaċċerta li "l-persunal responsabbli għat-trasport jiddikjara fil-pjanta tar-rotta l-ħinijiet u postijiet li fihom l-annimali trasportati ngħataw l-ikel u l-ilma matul il-vjaġġ": u dan għaliex (minbarra l-fatt li fi trasport bil-baħar mhux faċli tindika il-"postijiet" fejn l-operazzjonijiet ikunu saru) il-metodi li l-persuna responsabbli għat-trasport tista' titqies li kellha l-ħsieb li

13 — Il-korsiv huwa tiegħi.

ssegwi ma jistgħux ikunu kkunsidrati xierqa sabiex jindikaw il-ħin li fih l-annimali jkunu ngħataw x'jieklu u x'jixorbu.

60. Madankollu, jekk, kif indikat hawn fuq fil-punt 55, il-kunsiderazzjoni tal-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628 u tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu (d) jiġu integrati ma' dak li huwa previst fl-Artikolu 5(2)(f), minn dan it-tqabbil li m'huwiex preċiż ma jistax jiġi konkluż, kif l-ordni tar-rinviju (fil-punt 3 tiegħu) jindika li sar miz-Zollamt Salzburg, Erstattungen, li l-annimali ma ngħatawx x'jieklu u x'jixorbu għal 46 siegħa u li, għalhekk, l-esportatur jitlef id-dritt għarrifużjoni fuq l-esportazzjoni.

61. L-istess Artikolu 5(A)(2)(f)(ii) tad-Direttiva 91/628 inkwistjoni, u naturalment intiża, kif hija, sabiex tinżamm fil-kuntest ta' interpretazzjoni sistematika tal-Artikolu 5(2) kollu, jipprovdi li "l-persunal responsabbli għat-trasport [...] juri [...] li ttieħdu passi sabiex jiġu ssodisfatti l-ħtiġiet ta' l-annimali għall-għalf u l-ilma matul il-vjaġġ, anke meta l-pjanta tar-rotta tinbidel".

62. B'dan, il-leġiżlatur Komunitarju indika b'mod inekwivokabbli li ma riedx jattribwixxi valur assolut għall-metodu li permezz tiegħu l-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628 jipprovdi li għandu jiġi muri li l-ikel u l-ilma jkunu ngħataw b'mod regolari. Hija l-prova konkreta li l-"l-ħtiġiet ta' l-annimali għall-għalf u l-ilma matul il-vjaġġ" ġew issodisfatti li, fis-sensibbiltà tal-leġiżlatur Komunitarju, tikkostitwixxi l-element essenzjali li t-trasportatur għandu jipprovdi.

63. Barra minn hekk, deduzzjoni tan-nuqqas ta' osservanza preċiża, mill-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628, tal-valur assolut attribwit għal din il-previżjoni miz-Zollamt Salzburg, Erstattungen, tmur kontra dak li jirriżulta mill-approċċ, li jitqiesu l-elementi kollha ta' fatt tal-każ partikolari, inklużi dawk ipprovduti mill-esportatur, li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza li hija tat fil-kawżi Viamex Agrar u Zuchtvieh-Kontor GmbH (ZVK) [14], affermat li għandu jiġi segwit fir-rigward tas-sens u tal-applikazzjoni tar-referenza li l-Artikolu 1 u l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98 jagħmlu għad-Direttiva 91/628.

64. Fil-proċeduri nazzjonali li wasslu għat-talba għall-imsemmija affermazzjonijiet kienet tqajmet il-kwistjoni ta' validità, b'kuntrast mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' proporzjonalità, ta' dik ir-referenza fir-rigward tal-fatt li ż-żewġ dispożizzjonijiet a) jissuġġettaw il-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin tal-ispeċi tal-ifrat għall-osservanza, matul it-trasport tal-annimali sal-ewwel post ta' nżul fil-pajjiż terz ta' destinazzjoni finali, tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva u b) kienu maħsuba sabiex jeskludu dawn ir-rifużjonijiet anki fil-każ ta' ksur ta' waħda biss mill-imsemmija dispożizzjonijiet.

14 — Sentenza tas-17 ta' Jannar 2008, Kawżi magħquda C-37/06 u C-58/06 (Ġabra p. I-69).

65. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għad-domandi li tressqu quddiemha billi qabel kollox osservat li "r-riferiment ġenerali, magħmul mir-Regolament Nru 615/98 għad-Direttiva 91/628, għandu l-għan li jiggarantixxi […] l-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva li huma rilevanti fil-qasam tal-benesseri tal-annimali ħajjin, b'mod partikolari, tal-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport" [15]: minn dan hija kkonkludiet li huwa impossibbli li r-riferiment inkwistjoni jiġi ddikjarat invalidu inkwantu dan ma setax jitqies li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 91/628 u, partikolarment, dawk li m'għandhomx rabta mal-għan prinċipali tad-direttiva [16]. Imbagħad, filwaqt li fakkret in-natura tradizzjonalment attribwita lill-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità, bħala prinċipju li jipprovdi li "kull meta tkun possibbli għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tiġi adottata dik l-inqas restrittiva u l-inkonvenjenzi kkawżati m'għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla ma' l-għanijiet tagħha" [17], affermat li dan il-prinċipju għandu jiġi osservat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 615/98 [18].

66. L-approċċ li l-Qorti tal-Ġustizzja tindika lill-qrati nazzjonali sabiex isegwu fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jorbtu l-iskema tar-rifużjonijiet ma' dik tal-kura tas-saħħa tal-annimali tal-ifrat meta jkunu qed jiġu ttrasportati huwa evidenti. Dan l-approċċ huwa ispirat miż-żewġ kriterji li ġejjin:

1) li tingħata interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva, intiżi li jkunu integrati flimkien u mal-korp sħiħ tal-att fejn ikunu jinsabu, billi tiġi attribwita lil kull waħda minnhom u għar-riferiment li jsir għalihom mir-Regolament Nru 615/98 importanza differenti skont jekk l-għan dirett tagħha jkunx dak li jassigura l-ksib tal-għan prinċipali tad-direttiva jew fir-rigward ta' dan l-għan hija jkollhiex biss funzjoni strumentali u

2) li d-dispożizzjonijiet tagħha jiġu applikati billi jintgħażel, minn fost id-diversi metodi applikabbli, dak li jiżgura li l-inkonvenjenzi li jistgħu jkunu kkawżati ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali.

67. M'hemmx dubju li dak li ġie espost fil-punti 62-64 iktar 'il fuq jikkorrispondi għall-kriterji li l-Qorti tal-Ġustizzja, bis-sentenza indikata fil-punti 63-66 iktar 'il fuq, speċifikat li għandhom jiġu segwiti.

15 — *Ibidem* (punt 29).
16 — *Ibidem.*
17 — *Ibidem* (punt 35).
18 — *Ibidem* (punt 46).

IV — Konklużjonijiet

68. Fid-dawl tar-regoli hawn fuq imsemmija u tal-kunsiderazzjonijiet għall-interpretazzjoni tagħhom suġġeriti minn evalwazzjoni tal-karatteristiċi tal-kawża inkwistjoni u tal-kriterji indikati fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punti preċedenti 64-66, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb għad-domandi preliminari magħmula mill-Unabhängiger Finanzsenat bil-mod li ġej:

"(1) Għat-trasporti ta' annimali abbord bastiment roll-on/roll-off b'destinazzjoni ta' pajjiżi terzi ma jistax jiġi applikat b'analoġija dak li huwa pprovdut speċifikament fil-punt 48(7)(b) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, tad-19 ta' Novembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE fil-kuntest biss tat-trasporti fuq bastimenti li jgħaqqdu b'mod regolari żewġ punti Komunitarji.

(2) Fil-każ ta' trasport bil-baħar li jgħaqqad b'mod regolari u dirett punt ġeografiku fil-Komunità ma' punt ġeografiku f'pajjiż terz permezz ta' vettura mgħobbija fuq bastiment mingħajr il-ħatt tal-annimali, il-perijodu ta' dan it-trasport għandu jiġi kkunsidrat irrilevanti sakemm l-annimali jkunu ngħataw regolarment x'jieklu u x'jixorbu, bil-konsegwenza li ladarba din il-kundizzjoni tkun sodisfatta, perijodu ġdid ta' trasport bl-art ta' 28 siegħa jkun jista' jibda b'mod immedjat wara li l-vettura titniżżel fil-port ta' destinazzjoni.

(3) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5(A)(2)(d)(ii) tad-Direttiva 91/628 ma jimponix b'mod assolut fuq il-persuna inkarigata bit-trasport bil-baħar li tindika fil-pjanta

tar-rotta l-ħin preċiż li fih l-annimali ttrasportati ngħataw x'jieklu u x'jixorbu bħala kundizzjoni essenzjali sabiex tinkiseb ir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

(4) Nota ttajpjata minn qabel li tipprovdi li l-annimali, waqt it-trasport, jingħataw x'jieklu u x'jixorbu fil-ħinijiet li jikkorrispondu għall-fażijiet tat-trasport li jistgħu jiġu suffiċjentement stabbiliti tista' tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/628 bil-kundizzjoni li jiġi ppruvat li f'dawk il-ħinijiet saru l-imsemmija operazzjonijiet.

Huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali li tevalwa s-suffiċjenza tal-elementi adottati mill-esportatur f'dan ir-rigward billi tqis, jekk ikun il-każ, anki elementi oħrajn minbarra l-pjanta tar-rotta, bħal dikjarazzjoni ġuramentata mogħtija wara li l-vjaġġ jiġi fi tmiemu".